**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Frar, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 771/2016 AF**

**Christopher Borg**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Christopher Borg li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent kien gie mressaq quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u cioè talli:

F'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer, fil-wiehed u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (21/06/2010) u matul dawn l-ahhar gimghat:

a) Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew

jittraffika f'dawn il-Gzejjer medicina perikoluza (Erojina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni, sabiex tigi importata f'Malta id-droga erojina u dan bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Importa, jew gieghel li tigi importata, jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Erojina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentment emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma proprjetà tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli u dan ai termini tal-artikolu 22A

tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fit-tmienja u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u sittax (28/04/2016) quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ir-rikorrent ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Permezz ta' nota ta' l-Avukat Generali datata sitta ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (06/05/2016) gie dikjarat illi l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti lstruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Sussegwentement kien ipprezentat rikors konguntiv tal-Avukat Generali u r-rikorrent fis-sitta u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (26/05/2016) fejn filwaqt li ghamlu referenza ghall-ammissjoni u ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodici Kriminali, kongutivament iddikjaraw li qablu u talbu lil Qorti Kriminali timponi fuq ir-rikorrent il-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' disa' (9) snin flimkien ma' multa ta' hmistax-il elf ewro (€15,000), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kaptitolu 9 u Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjetà mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess rikorrent.

Permezz ta' sentenza datata tnejn ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (02/06/2016), il-Qorti Kriminali aderixxiet ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 392B(5) tal-Kodici Kriminali u, kkundannat lir-rikorrent ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' disa' (9) snin flimkien ma' multa ta' himistax-il elf ewro (€15,000) kif ukoll ikkundannatu jhallas s-somma ta' erbat elef, mija u wiehed u tletin ewro u ghaxar centezmi (€4131.10), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji. (Vide Dok. ‘A’),

Il-Qorti Kriminali ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-

Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tar-rikorrent.

Ghalhekk prezentement, il-beni mobbli u immobbli kollha tar-rikorrent jinsabu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta in vista tal-prezunzjoni *iuris tantum* naxxenti mill-provvediment tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li dawn il-beni huma profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht il-Kap. 101 u/jew proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

Ir-rikorrent jixtieq jipprevalixxi ruhu minn dak li jinsab dispost fl-Artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li l-proprjetà mobbli u immobbli milquta bl-ordni ta' konfiska la huma profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht il-Kap. 101 u lanqas huma proprjetà akkwistata jew miksuba direttament jew indirittament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

L-esponenti dejjem kellu impjieg u ftit qabel beda jiskonta s-sentenza fuq indikata, kien jahdem ta' ma' kumpannija privata bhala xufier ta' trukkijiet internazzjonali.

Ukoll, fis-sena elfejn u sitta (2006) l-esponenti kien ircieva l-kumpens sostanzjali minn Atlas lnsurance PCC Limited fl-ammont ta' tlieta u tmenin elf u disa mija u tlett Ewro (€83,903) rapprezentanti danni sofferti minnu f'incident stradali (Vide Dok' 'B' anness).

Sussegwentement nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (22/09/2006) u cioè, tlett xhur wara l-hlas tal-assikurazzjoni, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Gambin (Vide Dok. 'C' anness), l-esponenti xtara id-dar, ll-Kenn, numru ufficjali hamsin (50) fi Triq il-Gdida, is-Siggiewi ghall-prezz globali ta' sebgha u sittin elf u hames mitt Liri Maltin (Lm67,500 ekwivalenti ghal €157,232), b'self mill-HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000 ekwivalenti ghal €69,881).

Sussegwentement permezz ta' kuntratt datat tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (30/09/2009) fl-atti tan-

Nutar Naomi Mugliett (Vide Dok' 'D' anness) l-esponenti biegh il-proprjetà tieghu fis-Siggiewi ghas-somma ta' mija u tmienja u erbghin elf tmien mija u sebgha u erbghin Ewro (€148,847).

Sussegwentement permezz ta' kuntratt datat hamsa ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (05/10/2009) fl-atti tan-Nutar Naomi Mugliett (Vide Dok. 'E' anness) l-esponenti xtara nofs indiviz tal-appartament internament numerat mija u tnax (112) Blokk Mija (100), The Cube, Triq Luqa Briffa, il-Gzira. Dan l-appartament inxtara mill-esponenti u Katya Izzo (I.D. 453471M) ghas-somma komplessiva ta' mija u disat elef erba' mija u tmenin Ewro (€109,480) u ghal dan l-ghan l-esponenti u Katya Izzo ssellfu s-somma ta' wiehed u hamsin elf mitejn u hamsin Ewro (€51,250).

Ghalhekk, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-proprjetà tar-rikorrent, b'mod partikolari l-proprjetà fuq imsemmija tal-appartament internament numerat mija u tnax (112) Blokk Mija (100), The Cube, Triq Luqa Briffa, il-Gzira u l-ghamara fih, ma gietx akkwistata minnu b'konsegwenza ta' xi ghemil bi ksur tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh entro t-terminu stabbilit ai termini ta' l-Artikolu 22C (4) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi kull proprjetà mobbli jew immobbli kkonfiskata mir-rikorrent, b'mod partikolari fejn ikkonfiskat l-appartament internament numerat mija u tnax (112), Blokk Mija (100), The Cube, Triq Luqa Briffa, il-Gzira u l-ghamara fih, permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali moghtija fit-2 ta' Gunju 2016 li saret definittiva u *res judicata*, ma humiex profitti jew qliegh mill-ghemil ta' xi reat taht l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u lanqas proprjetà akkwistata direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk u dan ai termini

tal-Artikolu 22c(1) et seq tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tirrevoka |-ordni tal-konfiska tal-assi mobiljari u immobiljari tieghu, b'mod partikolari fejn ikkonfiskat l-appartament internament numerat mija u tnax(112) Blokk Mija (100), The Cube, Triq Luqa Briffa, il-Gzira u l-ghamara fih, moghtija ai termini tal-Kap. 101 permezz tas-sentenza tat-tnejn ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (02/06/2016) mill-Qorti Kriminali.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fuq il-mertu jigi rilevat li l-prova tal-provenjenza lecita ta' din il-proprjetà u l-akkwist lecitu taghha tispetta lir-rikorrent.

Fi kwalunkwe kaz u peress li f'dan l-istadju r-rikorrent ghadu ma gabx il-provi kollha dwar il-lecità tal-proprjetà in kwistjoni, l-esponent jirrileva li r-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrent.

In vista tas-suespost it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportunità li jikkontrolla l-provi tar-rikorrent u x-xhieda li elenka fir-rikors u wara li jinghata lilu l-opportunità li jivverifika kwalunkwe dokument iehor li r-rikorrenti jesebixxi waqt is-smigh tal-kawza.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tirrevoka l-ordni ta' konfiska li saret mill-Qorti Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Borg, deċiża fit-2 ta' Ġunju 2016, fejn ir-rikorrent kien instab ħati li:

1. *Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (Erojina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni, sabiex tigi importata f'Malta id-droga erojina u dan bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Erojina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjoniiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghal-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.*

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kriminali, apparti li nfliġġiet fuq ir-rikorrent piena karċerarja, ħlas ta' multa, u ħlas ta' spejjeż

peritali, ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tar-rikorrent.

Il-proċedura tal-lum qiegħda ssir skont l-artikolu 22Ċ(1) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jipprovdi testwalment kif gej:

> *"Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk."*

L-artikolu 22(3A)(d) li jagħmel referenza ghalih l-artikolu appena ċitat jipprovdu inoltre:

> *"Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A il-Qorti ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f'kull zmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –*
>
> *(...)*
>
> *(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli ohra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta."*

Dan l-artikolu jirreferi għal sejbien ta' ħtija skont l-artikolu 24A(1):

*"24A(1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Generali jkollu raguni bizzejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk izjed 'il quddiem imsejha "il-persuna suspettata"):*

*(...)*

*(e) tkun hatja tar-reat ta' pussess ta' xi medicina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taht dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluziv tal-hati (…)."*

Kif spjegat din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Elton Brincat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, datata 30 ta' Ġunju 2011:

*"Qari tal-artikolu 22(3A)(d) juri illi l-konfiska tal-flejjes, jew proprjeta mobbli jew immobbli mhix ghazla mhollija fid-diskrezzjni tal-Qorti fl-ghoti tal-piena izda hi ordni tassattiva imposta mill-ligi biex il-Qorti tordna l-konfiska. Infatti l-kelma uzata f'dan l-artikolu 22(3A), hi 'ghandha b'zieda ma kull piena ohra, fis-sentenza taghha' ... 'tordna l-konfiska' ...*

*Ghalhekk kemm jekk il-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Kriminali taghha sabet htija wara ezami tal-provi jew fuq ammissjoni tal-akkuzat ma kien jaghmel ebda differenza ghall-ordni ta' konfiska. U ghalhekk il-legislatur ipprovda li wara t-terminazzjoni tal-proceduri fejn oltre l-piena tkun saret il-konfiska, il-persuna misjuba hatja jew terza persuna interessata, tista' tavvali ruhha mill-procedura specjali msemmija fl-artikolu 22C biex tiehu lura l-oggetti konfiskati jekk jigu ppruvati l-estremi provduti fl-istess ligi.*

*(...)*

*F'dik il-procedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tieghu fi grad bizzejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinhelsu mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligh marbut ma' profitt jew dhul minn ghemil ta' reat u ghalhekk irid*

*ikun ir-rikorrenti li jaghmel il-prova tal-provenjenza lecita tal-proprjeta' jew l-akkwist lecitu taghha. Ladarba il-legislatur haseb sabiex il-procediment jinstema' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta' probabilitajiet vigenti fi procedura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali ("***Abela vs Kummissarju tal-Pulizija***" – PA/JRM – 6 ta' Ottubru 2005).*

*Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap. 101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn si tratta tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.*

*Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art.22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru jidher li johloq presunzjoni ("Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attivita' kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, ghalhekk il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien."*

Għalhekk, sabiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu, ir-rikorrent kien jeħtieġlu jressaq provi biex juri li l-ġid li għandu milqut

mill-ordni ta' konfiska kif hawn fuq spjegat, m'huwiex ġej minn qliegħ provenjenti mill-egħmil ta' reat taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li tiegħu nstab ħati.

Permezz ta' nota fl-atti tal-kawża, ir-rikorrent spjega li l-proprjetà tiegħu milquta mill-ordni ta' konfiska u li dwarha qiegħda ssir din il-kawża hija (i) is-sehem tiegħu mill-appartament internament numerat mija u tnax (112) Blokk Mija, (100), The Cube, Triq Luqa Briffa, Gżira u (ii) l-għamara li tinsab ġewwa l-imsemmi appartament.

Mill-provi prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li l-proprjetà konfiskata li r-rikorrent elenka fil-mori ta' dawn il-proċeduri ma ġietx akkwistata minn dħul jew profitt provenjenti mir-reati li tagħhom instab ħati l-istess rikorrent.

Ir-rikorrent ressaq prova sodisfaċjenti li huwa kien jaħdem regolarment fis-snin qabel ma seħħew ir-reati li tagħhom instab ħati. B'żieda ma dan, jirriżulta li fit-13 ta' Ġunju 2006 ir-rikorrent irċieva l-ammont ta' €83,903 mingħand Atlas Insurance plc in linea ta' danni konsegwenza ta' inċident stradali fejn ir-rikorrent kien sofra xi ġrieħi. Il-Qorti hija sodisfatta li b'dawn il-flus, ir-rikorrent akkwista l-ewwel proprjetà immobbli tiegħu ġewwa s-Siġġiewi, liema proprjetà kienet iffinanzjata parzjalment permezz ta' self mill-bank. Ir-rikorrent kien imbagħad biegħ din il-proprjetà u flimkien mas-sieħba tiegħu xtara l-proprjetà mertu ta' din il-kawża li wkoll kienet in parte ffinanzjata permezz ta' self mill-bank. Illum il-ġurnata s-sieħba tar-rikorrent qiegħda tħallas il-pagamenti tas-self waħedha, bid-dħul illi għandha mill-kirja ta' proprjetà immobbli ġewwa Ta' Sliema.

Il-Qorti jirriżultalha għalhekk illi l-proprjetà mertu ta' din il-kawża m'hijiex profitt jew dħul mill-egħmil tar-reati li tagħhom instab ħati u lanqas hija proprjetà akkwistata jew miksuba permezz ta' xi profitti jew dħul mill-egħmil tar-reati li tagħhom instab ħati.

Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qiegħda tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent b'dan il-mod:

1. Tiddikjara li l-appartament internament numerat mija u tnax (112), Blokk mija (100), The Cube, Triq Luqa Briffa, Gżira, u l-għamara li tinsab ġewwa dan l-appartament, ikkonfiskati permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Ġunju 2016, mhumiex profitti jew qliegħ mill-għemil ta' xi reat taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u lanqas proprjetà akkwistata direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk; u

2. Tirrevoka l-ordni tal-konfiska ta' dawn l-assi tar-rikorrent, liema konfiska saret permezz tal-imsemmija sentenza tal-Qorti Kriminali.

Spejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG